**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 336/2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-Vs-**

**Daniele Aquilina**

**Illum, 3 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Daniele Aquilina** ta' 26 sena, imwieled Pieta' nhar id-19 ta' Settembru 1993, bin Mary Rose Aquilina, residenti Palazzo Testaferrata, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' Numru 568393M akkużat talli fil-15 ta' Lulju 2020, f'dawn il-gzejjer ;

1. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamle qligh bi hsara ta’ Elvin Azzopardi u/jew persuni ohra ;

2. Ghamel xi qliegh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta’ qabel dan is-sub-titolu (sub-titolu III, Fuq il-Frodi) ghad-detriment ta’ Elvin Azzopardi u/jew persuni ohra ;

Ukoll talli bejn it-18 ta’ Lulju 2020 u l-21 ta’ Lulju 2020, f’dawn il-gzejjer ;

3. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamle qligh bi hsara ta’ Christopher Pace u Clayton Pace u/jew persuni ohra ;

4. Ghamel xi qliegh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta’ qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) ghad-detriment ta’ Christopher Pace u Clayton Pace u/jew persuni ohra ;

5. Naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe’ mill-Magistrat Dr. Nadine Lia LLD mid-digriet datat 22 ta’ Gunju 2020 u li permezz tieghu huwa nghata il-hslien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

6. Kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija nhar it-28 ta' Settembru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet defenittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba ukoll li f'ka ta' htija, ma'kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li titratta ma' l-imputat bhala recediv ai termini ta l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenza ta' Qrati Maltin, liema sentenza saru defenittivi.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat waqt l-udjenza tal-1 ta' Novembru 2022 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tieghu.

[1] Fol. 8, Dok. JR1.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħed jinstab ħati tagħhom l-imputat, fejn jirriżulta illi l-valur tal-frodi imwettaq minnu għad-dannu tal-vittmi f'dan il-każ kien ta' xejn inqas minn erbat eleft u mitt Euro (€4,100) komplessivament. Haħet qies ukoll tal-fedina penali oneruża tiegħu. Jirrizulta li l-imputat li għandu storja twila ta' kriminalita' li bdiet meta kellu biss ħmistax-il sena u mhux l-ewwel darba li ġie kundannat għar-reat ta' frodi. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-imputat, minkejja li ripetutament matul is-snin ingħata sanzjonijiet fil-komunita' minflok pieni karċerarji jew pekunjarji, evidentement ma għarafx jużufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet li ġew konċessi lilu sewwsew biex jindirizza ċ-ċirkostanzi problematiċi f'ħajtu fosthom il-problema akuta tad-droga li indubbjament hija l-ixprun tad-delinwkenza tiegħu u għalhekk mhijiex serja timponi sanzjoni fil-komunita' minn dawk maħsuba taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-*Probation*).

Għall-Qorti, il-vizzju tad-droga ma tista' qatt tiġġustifika l-kommissjoni tar-reati li jitwettqu biex jiġi sostnut dan il-vizzju, jew jitqies bħala xi skuża jew fattur attenwanti: għall-kuntrarju, il-vizzju tad-droga bħala fattur motivanti fil-kommissjoni ta' reati kriminali jfisser biss illi l-Qorti għandha tqis li tuża l-poteri diskrezzjonali u l-għodda legali li għandha a dispożizzjoni tagħha, biex tassigura li l-awtur tar-reati jingħata l-għajnuna kollha li jeħtieġ biex jegħleb dan il-vizzju ikrah u distruttiv mhux

biss tal-ħajja tal-aġent innifsu, iżda wkoll tas-serenita' tal-familja tiegħu, tal-vittmi tar-reat u tas-soċjeta' in ġenerali.

Qieset ukoll illi ż-żewġ atti ta' frodi, addebitati fl-ewwel żewġ akkużi fiċ-Ċitazzjoni, evidentement twettqu b'riżoluzzjoni waħda u għalhekk għandhom jitqiesu bħala reat wieħed, ċioe' kontinwat u konsegwentement sejra tapplika l-piena għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni kif maħsub fl-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9. Dan ifisser illi, peress li l-piena għar-reat taħt l-imsemmi Artikolu huwa inqas mill-piena għar-reat taħt l-Artikolu 308 tal-Kap. 9, il-piena għar-reat taħt l-istess Artikolu 308, ċioe' priġunerija minn sena sa seba' snin, għandha tiżdied mandatorjament bi grad u dan bl-applikazzjoni tal-proviso tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 310(1) tal-Kap. 9. Għall-bqija iżda, teżisti konkorrenza formali bejn ir-reati ta' frodi addebitati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet u r-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 stante illi huwa evidenti illi l-kommissjoni tar-reati ta' frodi jikkostitwixxi fih innifsu wkoll ksur tal-kundizzjoni l-iktar bażilari tal-ħelsien mill-arrest. Għalhekk, sejra tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi fl-atti proċesswali, kopja tad-digriet tat-22 ta' Ġunju 2020, imsemmi fiċ-Ċitazzjoni, li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest u għalhekk ma tistax tkun taf l-ammont li ġie stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tas-somma għall-fini tal-ordni li għall-konfiska ta' dak l-ammont fl-intier tiegħu jew f'parti minnu. Jirrizulta wkoll illi l-Prosekuzzjoni naqset milli titlob ukoll ir-revoka tad-digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju 2020 li bih l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest minn din il-Qorti diversament preseduta u l-arrest mill-ġdid tiegħu f'każ ta' ħtija, a tenur tas-subartikolu (3) tal-Kap. 579 tal-Kap. 9. Il-Qorti tqis illi biex is-sejbien ta' ħtija tista' tagħti lok ukoll għal ordni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat, din it-talba kellha ssir espressament mill-Prosekuzzjoni għaliex din m'hijiex fost il-pieni applikabbli mandatorjament fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, iżda hija piena addizzjonali li tista' tingħata biss jekk il-Pulizija tagħżel li tagħmel talba taħt l-Artikolu 579(3) tal-istess Kap. 9 waqt il-proċedimenti

għar-reat taħt is-subartikolu (2). Konsegwentement, f'dan il-każ il-Qorti ma tistax tordna hija stess ir-revoka tal-imsemmi digriet tal-ħelsien mill-arrest u l-konsegwenti ri-arrest tal-imputat.

In kwantu għas-sitt imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni, il-Qorti ħadet konjizzjoni ġudizzjarja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Settembru 2017 li kkonfermat sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta li permezz tagħha l-imputat odjern tpoġġa taħt Ordni ta' Probation. Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi, billi qiegħda tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija effettiva u qiegħda wkoll tpoġġih taħt Ordni ta' Trattament għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9, mhijiex sejra tittratta mal-imputat taħt l-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446 għar-reati li dwarhom tqiegħed taħt Probation.

**Għal dawn il-motivi, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante illi din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni stante li din ingħatat bħala alternattiva għat-tielet imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 49, 50, 308, 310(1)(b), 310(1)(ċ) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil DANIELE AQUILINA ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontrih u tikkundannah tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kull żmien qabel illum li l-ħati jkun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati u kkundannat permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqiegħed lil DANIELE AQUILINA taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet (3) snin mil-lum, sabiex jingħata l-kura u trattament kollu meħtieġ sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u dan skont it-termini u kundizzjonijiet oħrajn speċifikati fl-Ordni**

**moghtija kontestwalment, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Tistieden lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Servizzi Korrettivi sabiex jikkunsidra jawtorizza lill-ħati li jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni jekk dan ikun meħtieġ bħala parti mill-kura li għandha tingħata lilu għall-fini tal-Ordni ta' Trattament waqt li jkun qiegħed jiskonta s-sentenza ta' priġunerija. Għal dan il-għan tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-istess Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Servizzi Korrettivi.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qieghda tordna wkoll lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lil Clayton Pace u lil Christopher Pace in solidum is-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) u lil Elvin Azzopardi s-somma ta' mitt Euro (€100), in linea ta' kumpens għat-telf soffert minnhom b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati ta' frodi li qed tinstab ħati tagħhom b'din is-sentenza, liema ammont għandu jitħallas fi żmien sitt (6) xhur mid-data meta tkun ġiet skontata l-piena ta' priġunerija. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma ta' sitt mija u għoxrin Euro u disgħa ċenteżmu (€620.09) rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri[2], liema somma għandha titħallas fi żmien sitt (6) xhur mid-data li tiġi skontata s-sentenza ta' priġunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[2] Dok. MB1 – Relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada.